

# ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI Nru 1/2014 TAL-KUMITAT KONĠUNT UE-OLP

tat-8 ta' Mejju 2014

**li temenda l-Artikolu 15(7) tal-Protokoll Nru 3 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranju Interim dwar il-kummerċ u l-kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (OLP) li taġixxi fisem l-Awtorità Palestinjana tax-xatt tal-Punent u tal-istrixxa ta' Gaża, minn naħa l-oħra, rigward id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva**

(2014/867/UE)

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranju Interim dwar il-kummerċ u l-kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (OLP) li taġixxi fisem l-Awtorità Palestinjana tax-xatt tal-Punent u tal-istrixxa ta' Gaża, minn naħa l-oħra, u b'mod partikolari l-Artikolu 39 tal-Protokoll Nru 3 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 15(7) tal-Protokoll Nru 3 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranju Interim dwar il-kummerċ u l-kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (OLP) li taġixxi fisem l-Awtorità Palestinjana tax-xatt tal-Punent u tal-istrixxa ta' Gaża, minn naħa l-oħra <sup>(1)</sup>, ("il-Ftehim"), kif emendat bid-Deċiżjoni Nru 1/2009 tal-Kumitat Konġunt UE-OLP tal-24 ta' Ġunju 2009 <sup>(2)</sup> jippermetti li, taħt ċerti kundizzjonijiet, ikun hemm ir-rifużjoni jew l-eżenzjoni parzjali tad-dazji doganali jew ta' taxxi b'effett ekwivalenti, sal-31 ta' Diċembru 2009.
- (2) Abbażi ta' talba min-naħa tal-OLP, fl-2010 il-Kummissjoni pproponiet li t-tul ta' żmien tal-applikazzjoni tal-Artikolu 15 tal-Protokoll Nru 3 tal-Ftehim jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru 2012. Madankollu, il-Kumitat Konġunt UE-OLP qatt ma adotta din id-deċiżjoni.
- (3) Biex tiġi ggarantita ċ-ċarezza u biex jiġu żgurati l-prevedibbiltà ekonomika għal terminu twil u ċ-ċertezza legali għall-operaturi ekonomiċi u sabiex jiġi rregolat ukoll il-perjodu kopert mill-proposta tal-Kummissjoni, il-partijiet għall-Ftehim qablu li jtawlu l-applikazzjoni tal-Artikolu 15(7) tal-Protokoll Nru 3 tal-Ftehim, b'sitt snin, b'effett mill-1 ta' Jannar 2010.
- (4) Għalhekk, il-Protokoll Nru 3 tal-Ftehim għandu jiġi emendat skont dan.
- (5) Minħabba li l-Artikolu 15(7) tal-Protokoll Nru 3 tal-Ftehim ma jibqax japplika mill-31 ta' Diċembru 2009, din id-Deċiżjoni għandha tibda tapplika mill-1 ta' Jannar 2010,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

L-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 15(7) tal-Protokoll Nru 3 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranju Interim dwar il-kummerċ u l-kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (OLP) li taġixxi fisem l-Awtorità Palestinjana tax-xatt tal-Punent u tal-istrixxa ta' Gaża, minn naħa l-oħra, rigward id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, huwa sostitwit bit-test segwenti:

"Dan il-paragrafu għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2015 u jista' jiġi eżaminat mill-ġdid bi qbil komuni."

<sup>(1)</sup> ĠUL 187, 16.7.1997, p. 3.

<sup>(2)</sup> ĠUL 298, 13.11.2009, p. 1.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2010.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Mejju 2014.

*Għall-Kumitat Konġunt*

*Il-President*

H. MINGARELLI

---